MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 388/2008/1

**Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` L & M Camilleri Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru 2008 fejn espona s-segwenti:-
>
> "Illi permezz ta' rikors tieghu datat wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2008 fl-atti tal-Ittra Ufficcjali msemmija l-esponent umilment talab li din l-

Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar it-titolu ezekuttiv li nhareg wara l-Ittra Ufficcjali numru 3648/08 u dan ghar-ragunijiet premessi brevement fl-istess rikors u ghal dak li jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni, dan a tenur ta' l-artikolu 166A(5) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz tar-risposta taghha datata tnax (12) ta' Novembru 2008, il-mittenti fuq l-istess Ittra Ufficcjali surreferita opponiet ghat-talba ghar-ragunijiet hemmehkk moghtija u talbet li din l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors ta' Mario Tonna u tikkonferma l-validita ta-titolu ezekuttiv rizultanti mill-Ittra Ufficcjali Ezekuttiva bin-numru 3648/08 bl-ispejjez kollha ta' dan ir-rikors kontra r-rikorrent.

Illi permezz tad-digriet datat wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008, din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-esponenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv imsemmi u dan minghajr m'instemghu l-partijiet.

Illi a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili, tali decisjoni kellha titiehed biss wara li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh.

Illi jirrizulta car illi l-procedura ndikata fl-artikolu 166A ghall-kontestazzjoni tal-Ittra Ufficcjali Ezekuttiva ma gietx segwita w ghalhekk ukoll jezistu l-estremi kollha sabiex id-digriet surreferit datat wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008 jigi revokat *contrario imperio* filwaqt illi l-imsemmi rikors jigi appuntat ghas-smiegh qabel tinghata d-decisjoni relattiva fuq l-istess."

Konsegwentement talab li:-

"Din l-Onorabbli Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha datat wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008 filwaqt illi tappunta r-rikors tal-

esponenti datat wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2008 ghas-smiegh tal-provi tal-partijiet a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-digriet taghha tal-erbgha (4) ta' Dicembru 2008 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh w appuntat l-istess ghas-seduta tal-hdax (11) ta' Dicembru 2008.

Rat l-Ittra Ufficcjali mibghuta minn Edwin Camilleri noe lir-rikorrenti datata tnejn (2) ta' Settembru 2008 esebita fl-atti a fol. 4 w ir-rapport tal-Perit Stephen Psaila anness maghha.

Rat illi f'din l-Ittra Ufficcjali, r-rikorrenti gie ndikat li qed jirrisjedi gewwa il-fond 31, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema w in-notifika saret hemm, kif jirrizulta minn esami tal-*pink card* li tinsab inserita fl-atti tar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia.

Jirrizulta wkoll li fuq din il-*pink card* iffirmat persuna bl-isem M. Tonna li ghandha karta tal-identita numru 210468(M).

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn talab ir-revoka u thassir tat-titolu ezekuttiv li inhareg wara l-Ittra Ufficcjali numru 3648/08.

Rat ir-riposta tal-intimat pprezentat fl-atti nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2008 u d-digriet tal-Qorti datat wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008 fejn cahdet it-talba rikorenti a bazi tal-fatt illi r-rikorrenti stess kien taha bhala indirizz tieghu f'Ittra Ufficcjali, li kien ipprezenta kontra l-intimat (kopja esebita fl-atti a fol. 10) l-indirizz tieghu bhala dak fi Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, w ghalhekk kienet zammet ferm it-titolu ezekuttiv imsemmi fl-istess rikors.

Semghet li **Mario Tonna** jixhed fl-istes seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2009 u jikkonferma li huwa sar jaf bl-Ittra Ufficcjali li hemm esebita f'dawn l-atti a fol. 9 una volta kien sar il-Mandat ta' Sekwestru mill-intimat fuq il-kontijiet bankarji tieghu u kien hekk gie nfurmat mill-Bank. Huwa cahad li qatt kien ircieva din l-ittra. Esebixxa l-ittra li kien ircieva mil-Bank flimkien ma kopja tal-Mandat ta' Sekwestru relattiv li kien sar kontra tieghu. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok 'Z'. Meta gie muri l-firma li hemm fuq il-wara tal-*pink card*, huwa stqarr li ma kienitx il-firma tieghu u lanqas in-numru tal-karta tal-identita tieghu ma taqbel ma dik indikata hdejn il-firma li hemm. Ikkonferma li huwa ma twilidx fis-sena 1968 u n-numru tal-karta tal-identita tieghu huwa 428043. Huwa wera' l-karta tal-identita tieghu lil Qorti sabiex tikkonferma dak li kien qed ighid ix-xhud. Ikkonferma wkoll illi huwa ma joqghodx fl-indirizz 31, Flat 5, Triq Sir Adriano Dingli, Sliema, izda fil-fond 165/6, Tower Road, Sliema.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2009 xehed l-espert **Joseph Mallia** w ikkonferma li l-firma li hemm fuq il-*pink card* u dik fuq l-karta tal-identita tar-rikorrenti ma jaqblux. In oltre stqarr li l-indirizz moghti fuq il-*pink card* tan-notifika ma jaqbilx mal-indirizz kif muri fil-karta tal-identita tieghu. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2009 xehed l-intimat **Edwin Camilleri** w ikkonferma li huwa jmur kuljum fl-istabiliment 'Dhalia' gewwa Tower Road, Sliema. Mistoqsi fejn ighix r-rikorrenti Mario Tonna, huwa ighid li jaf b'certezza li dan ighix Tower Road, Sliema ghaliex kuljum ghal habta tal-hamsa ta' filghodu jara l-vettura tieghu pparkjata quddiem id-dar tieghu f'Tower Road, Sliema.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-intimat kien istitwixxa proceduri fil-konfront tar-rikorrenti odjern skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi pprezenta l-Ittra Ufficcjali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 166A li jghid:-

"(2) *Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba…."*

Issa l-Artikolu 166A (4) jistipula f'kaz li d-debitur f'dan il-kaz r-rikorrenti ma jwiegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu s-segwenti:-

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum minn notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*"

Dan hu proprju dak li qed jikkontendi l-intimat, li la r-rikorenti ma kienx wiegeb, allura t-titolu tieghu gie rez ezekuttiv.

Illi pero l-istess disposizzjoni tal-ligi w appuntu s-sub artikolu (5) tal-istess disposizjoni, tipprovdi x'ghandu isir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wiegibx tkun wahda gustifikata.

Dan is-sub artikolu ighid hekk:-

"(5) "*Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*
*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

Issa f'dan il-kaz l-intimat qed jallega li n-notifika saret skond il-ligi u dan ghaliex saret fir-residenza tieghu u cioe fi flat 31/5, Sir Adrian Dingli Street, Sliema u dan skond kif jirrizulta mir-Registru Elettorali esebit fl-atti, mill-karta tal- identita tal-istess rikorrenti esebita fl-atti, kif ukoll mill-indirizz moghti minnu stess fuq Ittra Ufficcjali li kien baghat lil istess intimat (kopja esebita fl-atti). Minn naha l-ohra pero r-rikorrenti qed ighid li huwa ma kienx jaf b'din l-Ittra Uficcjali qabel ma kien ircieva mill-Bank l-ittra li huwa esebixxa wara li l-kontijiet bankarji tieghu gew sekwestrati.

Illi l-partijiet ressqu diversi provi sabiex jissustanzjaw dak minnhom allegat, pero fil-fehma ta' din il-Qorti, hija m'ghandhiex wisq boghod li tmur u dan ghaliex skond l-istess intimate, dak li qed ighid ir-rikorrenti, u cioe li huwa ighix Tower Road u mhux Sir Adrian Dingli Street, huwa minnu.

Bizzejjed il-Qorti tghamel referenza ghal dak li l-istess intimat qal fil-mori ta' dawn il-proceduri u

cioe li huwa jmur kuljum fl-istabiliment 'Dhalia' gewwa Tower Road, Sliema u meta gie mistoqsi fejn ighix r-rikorrenti Mario Tonna, huwa ighid li jaf b'certezza li dan ighix Tower Road, Sliema ghaliex kuljum ghal habta tal-hamsa ta' filghodu jara il-vettura tieghu pparkjata quddiem id-dar tieghu f'Tower Road, Sliema.

Konsegwentement minn dan jirrizulta li anke l-intimat jaf li ghalkemm l-indirizz tieghu jista talvolta jidher fuq dokumenti ufficcjali li ighix f'Sir Adrian Dingli Street, Sliema, 'n realta ma ighix hemm. Jirrizulta wkoll li l-firma li hemm fuq il-*pink card* tal-Ittra Ufficcjali, ma hiex tar-rikorrenti lanqas w ghalkemm forsi l-intimat kien jaf dan sa mill-bidu net, qatt m'oppona n-nomina ta' perizja kaligrafika.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li n-notifika tal-Ittra Ufficcjali ma saritx skond il-ligi u dan ghaliex ma saritx fir-residenza tar-rikorrenti w ghalhekk, ai termini tal-artikolu 166A (5) (i) hija qieghda tilqa t-talba rikorrenti u tirevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008.

Spejjez tal-prezenti ghandhom jigu sopportati in toto mill-intimat."

Kontra dan il-provvediment appellat is-socjeta` intimata bl-aggravji f'din l-ordni:-

1. L-ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha l-eccezzjonijiet minnha pprezentati b'risposta ghaliex din iddahhlet zbaljatament fi process iehor bejn l-istess partijiet (Avviz Numru 59/09) bil-konsegwenza li l-istess l-ewwel Qorti injorathom u ma kkunsidrathomx. Ghal din ir-raguni ntalbet in-nullita` tal-provvediment moghti;
2. Ir-rikors promotur b'dik it-talba kien fil-mertu gja *res judicata* u ghalhekk ma setax jigi revokat *contrario imperio*, anke ghaliex l-kontro-parti ma intavolax appell mid-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Novembru, 2008;

3. It-talba ta' l-appellat b'dak ir-rikors kienet tippekka fil-validita` taghha in kwantu qatt ma ezista r-rikors tal-21 ta' Ottubru, 2008 izda, se mai, dak tal-31 ta' Ottubru, 2008;

4. Fil-mertu n-notifika bl-ittra ufficcjali kienet wahda valida skond il-ligi;

Huwa opportun li jigu qabel xejn elenkati l-proceduri inizzjati mill-appellat fl-opposizzjoni tieghu ghat-titolu ezekuttiv kostitwit bis-sahha ta' l-ittra ufficcjali emessa mis-socjeta` appellanti a norma ta' l-Artiklu 166A tal-Kodici ta' Procedura:-

1. <u>Rikors introdott fil-31 ta' Ottubru, 2008</u> li permezz tieghu ntalbet ir-revoka ta' l-imsemmi titolu ezekuttiv fuq il-premessa illi n-notifikazzjoni bl-ittra ufficcjali ma kienetx regolari u valida. Ghal dan ir-rikors is-socjeta` appellanti wiegbet b'risposta introdotta fit-12 ta' Novembru 2008. L-ewwel Qorti pprovdiet fuq dak ir-rikors b'digriet kamerali datat 21 ta' Novembru, 2008;

2. <u>Rikors prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2008</u> li bih l-appellat talab ir-revoka *contrario imperio* tal-precitat degriet fuq il-premessa illi l-procedura permezz ta' digriet kamerali ma kienetx konformi ghad-dispost ta' l-Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 ghaliex ir-rikors precedenti tieghu (31 ta' Ottubru, 2008) qatt ma gie appuntat ghas-smigh. Is-socjeta` appellanti rrispondiet ghal dan ir-rikors fit-18 ta' Frar, 2009 izda, ghal xi raguni ir-risposta relattiva giet inserita mir-Registratur fi process iehor (Avviz Nru. 59/2009) bejn l-istess partijiet. Hu dan ir-rikors li gie degretat mill-ewwel Qorti fl-10 ta' Gunju, 2009, issa oggett tal-prezenti appell;

3. <u>Rikors intavolat fit-13 ta' Frar, 2009</u> (Nru. 59/09) li permezz tieghu l-appellat Mario Tonna talab is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Dan ir-rikors gie wkoll mill-ewwel Qorti degretat fl-istess jum tal-10 ta' Gunju, 2009, u dan jifforma oggett ta' appell separat prezentat mis-socjeta` appellanti;

Rilevanti li jigi registrat ukoll, b'aggunta mal-premess, illi skond il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2009 (fol. 23) l-atti ta' l-ahhar imsemmija zewg rikorsi kienu jghoddu ghat-tnejn;

Bl-ewwel obbjezzjoni taghha s-socjeta` appellanti tikkontesta lill-Qorti Inferjuri illi din naqset milli tokkupa ruhha, u konsegwentement tiddeciedi l-eccezzjonijiet taghha prezentati fit-18 ta' Frar, 2009 ghar-rikors Numru 388/08 li bih l-appellat talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet precedenti ta' l-istess Qorti tal-21 ta' Novembru 2008. Tilmenta wkoll illi dan in-nuqqas arrekalha pregudizzju in kwantu b'dawk l-eccezzjonijiet, u maggorment dik tar-*res judicata*, ir-rizultat decizjonali seta' kien xort'ohra. Ghal dan, l-appellat wiegeb illi, in vista tal-predett verbal tal-11 ta' Marzu, 2009, l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta' dawk l-eccezzjonijiet qabel ghaddiet ghas-sentenza;

Evidentement, l-appellat m'ghandux ragun f'din is-sottomissjoni tieghu, u dan ghal konsiderazzjonijiet li gejjin:-

1. Primarjament, u bhala stat ta' fatt, jirrizulta kjarament mill-korp tal-provvediment moghti illi dawk l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti mkien ma sabu posthom fih, lanqas permezz ta' xi semplici esposizzjoni taghhom. Wisq anqas, imbaghad, li gew ezaminati, dokumentati u definiti mill-ewwel Qorti;

2. Taqbel jew ma taqblex maghha, l-eccezzjoni tar-*res judicata* riedet dejjem tigi deciza b'kap ghaliha, qabel, jew flimkien mad-decizjoni fil-mertu. Dan kif inhu hekk preskritt fl-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12, li, kif ritenut, "hu provvediment procedurali tassattiv li jorbot lill-Qorti u li ghandu jigi osservat taht piena ta' nullita` tas-sentenza". Ara "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", Appell, 12 ta' Mejju, 1997. Fejn il-Qorti tkun naqset li hekk taghmel, "dik l-omissjoni ggib in-nullita` tas-sentenza appellata"

(“**Paolo Azzopardi -vs- Paolo Abela *nomine***”, Appell Kummercjali, 10 ta’ Dicembru, 1954);

3. Jista’ jigi obbjettat illi gjaladarba d-digriet precedenti tal-Qorti tal-21 ta’ Novembru 2008, u li tieghu ntalbet ir-revoka *contrario imperio*, kien wiehed mhux konformi ghad-dettami tal-ligi [Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12] l-eccezzjoni tar-*res judicata* ma kellha ebda valur. Kontra dan l-argoment iwiegbu certi sentenzi tal-Qrati taghna li rritenew illi “*la cosa giudicata spiega i suoi effetti quand’anche sia manifestamente contraria alla legge*” (“**Agostino Spoiteri Bruno *et* -vs- Giuseppe Camilleri**”, Appell Civili, 17 ta’ Gunju, 1927), ghaliex, “ukoll jekk pronunzjata minn imhallef inkompetenti, meta ma tkunx tista’ tigi aktar ritrattata, takkwista awtorita` ta’ *res judicata*” (“**Carmelo Cassar Parnis -vs- Gustavo Soler *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 11 ta’ Marzu, 1949);

4. Wisq ragonevolment, il-Qorti mhix ser tidhol fil-meriti jew id-dimeriti ta’ l-eccezzjoni succitata ghaliex din hi materja li tispetta lill-ewwel Qorti li tikkonsidra wara r-rimessjoni lura lilha ta’ l-atti. Essenzjalment, jekk l-imsemmi digriet tal-21 ta’ Novembru, 2008 jaspirax ghal livell tar-*res judicata.* Tfakkar biss b’ripetizzjoni u b’mod generali f’dak deciz minn din il-Qorti kif presjeduta u cjoe, illi “fis-sistema delinejata mill-Kodici ritwali taghna l-opposizzjoni ghall-atti ezekuttivi, u in partikolari fejn ikun mahsub li tinkiseb in-nullita` jew ir-rexissjoni taghhom trid issir bi procediment kontenzjuz, u konkjuza bi provvediment li jirrapprezenta l-karatteristici ta’ sentenza emessa wara l-konkluzjoni tal-procediment introdott u zvolt skond il-forma tal-process kontenzjuz ordinarju”. Ara “**Panta Marketing & Services Ltd -vs- George Farrugia *nomine***”, Appell Inferjuri, 12 ta’ Dicembru, 2007;

Il-konkluzjoni li tinzel minn dawn ir-riflessjonijiet hi dik illi jezisti nuqqas ta’ l-osservanza tal-precetti tal-ligi li ma jistghux jigu sanati hlief bl-annullament tal-provvediment moghti. Una volta li l-Qorti qed tilqa’ l-ewwel gravam

mhux il-kaz li tokkupa ruhha mill-komplament ta' l-aggravji l-ohra.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju, tiddikjara null il-provvediment moghti u konsegwentement tirrevoka l-istess, bl-ispejjez ikunu a kariku tal-partijiet fi kwota ta' nofs kull wiehed. L-atti qeghdin jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------